# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 22 ta' Marzu 2022**

**Talba numru 93/2020SFJ**

***FRANK ZAHRA***
***(380576M)***
***VS.***
***MYLENE BRINCAT ZAMMIT QUINTANO***
***(523985M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-18 ta' Mejju 2020 li permezz tiegħu l-attur talab li l-konvenuta tkun ikkundannata tħallsu sitt mija u tnejn u disgħin Ewro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€692.64) rappreżentanti s-sehem tagħha mill-ispejjeż inkorsi mill-attur fir-rigward tal-edukazzjoni u s-saħħa ta' wliedhom.

Ra d-dokumenti u l-konteġġi annessi mal-Avviż tat-Talba (fol. 5 sa fol. 86).

Ra r-Risposta tal-konvenuta ppreżentata fit-23 ta' Lulju 2020.

Qara d-dokumentazzjoni kollha, sema' lix-xhieda, sema' it-trattazzjonijiet li saru u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-22 ta' Marzu 2022.

**<u>Il-forma tal-affidavit tal-attur</u>**

It-Tribunal jirreferi għad-dokument a fol. 100 u 101 tal-proċess, li suppost huwa l-affidavit tal-attur. Madankollu, fil-verità, dan mhuwiex affidavit stante li ma kienx maħluf quddiem in-Nutar Pubbliku u Kummissarju għall-Ġuramenti Dr Astrid Parnis. Il-kitba ta' Dr Parnis ħdejn it-timbru tagħha tgħid "*Signed in my presence on the at 123, Melita Street, Valletta.*" Id-dokument lanqas biss għandu data!

L-Artikolu 160 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li affidavit għandu jsir "*…quddiem assistent ġudizzjarju jew quddiem persuna oħra awtorizzata tagħti ġurament…*"

Inoltre, u b'referenza għall-Artikolu 21(3) tal-Kap. 12, it-Tribunal josserva li dak l-artikolu jgħid li meta affidavit isir b'lingwa li ma tkunx dik Maltija, għandu jkun hemm traduzzjoni u t-traduzzjoni għandha tkun maħlufa. Isegwi loġikament li jekk it-traduzzjoni trid tkun maħlufa, l-affidavit innifsu għandu jkun maħluf ukoll.

Storikament, l-affidavits ma kinux aċċettati billi kienu allegatament jipprivaw lill-kontroparti mill-opportunità li tagħmel kontro-eżami lix-xhud li jiddeponi b'dak il-mod. F'dak is-sens, hemm is-sentenza fl-ismijiet ***Mallia vs. Busuttil*** tas-17 ta' Ottubru 1919 u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Giuseppe Abela et vs. Herbert Camilleri*** tal-15 ta' Novembru 1946.

Din hija kwistjoni li t-Tribunal qiegħed jissolleva *ex officio*, billi ħadd mill-partijiet ma kkummenta dwarha. It-Tribunal qiegħed jassumi li billi l-konvenuta għamlet kontro-eżami lill-attur bil-miktub (fol. 134 *et seq.*), hija ma sabet xejn x'tikkritika fil-forma tal-affidavit tiegħu.

Dan it-Tribunal huwa marbut bl-Artikolu 7 tal-Kap. 380, li jgħid li l-kawżi għandhom jiġu deċiżi prinċipalment skont l-ekwità. Madankollu t-Tribunal irid jenfasizza li l-affidavits għandhom ikunu maħlufa. Mhuwiex biżżejjed li l-kelma "affidavit" tkun imniżżla fl-intestatura u li d-dokument ikun iffirmat. Kif tirrikjedi l-liġi stess, l-affidavit, biex ikun tali, irid ikun maħluf quddiem persuna li jkollha s-setgħa tamministra ġurament.

Ċiononostante, billi l-konvenuta kontinwament irreferiet għall-affidavit tal-attur bħala tali, it-Tribunal iqis li hija aċċettat l-affidavit bħala tali u konsegwentement it-Tribunal sejjer jaċċettah bħala tali.

## Provi ppreżentati

L-attur ippreżenta dokument li fih spjega li huwa kellu relazzjoni mal-konvenuta li minnha twieldu żewġt ibniet, li għadhom minuri. Huwa qal li kellu l-kura u kustodja tat-tfal u li l-konvenut filwaqt li kkonferma l-korrettezza tar-riċevuti annessi mal-Avviż tat-Talba. Huwa kkonferma wkoll li l-ammont mitlub permezz ta' din il-kawża kien għadu dovut fis-sħiħ.

Il-konvenuta ppreżentat affidavit li fih qalet li hi kienet tħallas l-ammonti kollha li żewġha kien jitlobha tħallas. Qalet, iżda, li darba fost l-oħrajn ġewha suspetti li hija kienet qed tħallas aktar milli jmissha. Kienet intebħet li hija kienet qed tispiċċa tħallas l-ammont sħiħ, u mhux nofs, kif suppost. Qalet li darba minnhom, ħadet ċans u qalet lill-attur li kellha tħallas nofs l-ammont li kien iniżżel, mhux l-ammont sħiħ. Huwa qalilha li kienet problema tagħha fis-sens li hu kien jibgħatilha s-somma u hi kellha taħdem kemm kellha tħallas. Hija saħqet li kellu jkun l-attur li jgħidilha kemm hu s-sehem tagħha mit-total, u mhux jibgħat messaġġ mingħajr ma jgħidilha jekk l-ammont imsemmi minnu kien it-total (li tiegħu kellha tħallas nofs biss) jew kienx sehemha biss (jiġifieri nofs tat-total).

Il-konvenuta qalet li sa Marzu 2019 kellha kollox imħallas. Inoltre, hija kkontestat il-konteġġi tal-attur.

Il-kontro-eżami tal-attur sar bil-miktub filwaqt li l-kontro-eżami tal-konvenuta sar *viva voce*.

## Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal

Qabelxejn, il-partijiet jaqblu li d-digriet viġenti huwa dak tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tas-27 ta' Diċembru 2018, li jinsab a fol. 7 tal-proċess. Skont l-istess digriet, li jsegwi rikors tal-attur (fol. 6), il-konvenuta f'din il-kawża kienet ordnata tħallas mitejn Ewro (€200.00) bħala manteniment versu l-minuri kif ukoll nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri.

- *Konteġġi tat-Tribunal*

**It-Tribunal josserva li kien hemm żball fin-numerazzjoni tal-paġni tal-proċess u huwa għalhekk li pereżempju, wara fol. 31 (punt numru 19 hawn taħt), wieħed jerġa' isib fol. 23 (punt numru 20 hawn taħt).**

i. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 10 stante li dan huwa talba għall-ħlas u mhux prova li sar ħlas.
ii. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 11 stante li dan huwa talba għall-ħlas u mhux prova li sar ħlas.
iii. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 12 stante li dan huwa talba għall-ħlas u mhux prova li sar ħlas.
iv. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 13 stante li dan huwa talba għall-ħlas u mhux prova li sar ħlas.
v. It-Tribunal **jiskarta** d-dokumenti kollha li kopja tagħhom tinsab a fol. 14 stante d-dokument allegatament maħruġ mill-iskola huwa talba għall-ħlas u mhux prova li sar ħlas, filwaqt li m'hemm xejn li jindika li dak li nxtara minn *Kristianne Stationery* kien għall-benefiċċju tal-minuri.
vi. It-Tribunal **jiskarta** d-dokumenti kollha li kopja tagħhom tinsab a fol. 15 stante li mhumiex prova ta' ħlas filwaqt li n-nota li tinsab fl-aħħar parti tad-dokument ma kinitx spiża neċessarja.
vii. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 16 stante li m'hemmx prova li l-ammonti relattivi kienu verament għall-benefiċċju tal-minuri.
viii. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 18 stante li m'hemmx prova li l-ammonti relattivi kienu verament għall-benefiċċju tal-minuri.
ix. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 19 stante li dan huwa talba għall-ħlas u mhux prova li sar ħlas.
x. It-Tribunal **jikkunsidra** d-dokument a fol. 20 stante li huwa evidenti li l-ammont relattiv tħallas għall-benefiċċju tal-minuri.
xi. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 22 stante li huwa fotokopja skulurata li ma tinqarax, oltre li m'hemmx evidenza li kienet x'kienet l-ispiża, din saret għall-benefiċċju tal-minuri.
xii. It-Tribunal **jiskarta** d-dokumenti a fol. 23 stante li l-muniti msemmija fl-ewwel parti tad-dokument ma ġewx attwalment minfuqa filwaqt li m'hemmx prova li l-ammont indikat fir-riċevuta n-naħa ta' isfel tad-dokument kien għall-benefiċċju tal-minuri.
xiii. It-Tribunal **jiskarta** d-dokumenti a fol. 24 stante li m'hemmx prova li l-ammont minfuq għand *Kristianne Stationery* kien għall-benefiċċju tal-minuri.
xiv. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 25 stante li m'hemmx prova li l-ammont relattiv ġie minfuq.
xv. It-Tribunal **jiskarta** d-dokumenti a fol. 26 stante li m'hemmx prova li l-ammonti minfuqa kienu għall-benefiċċju tal-minuri.
xvi. It-Tribunal **jikkunsidra** d-dokumenti a fol. 27 u 28 stante li għalkemm id-drama huwa estrakurrikulari, huwa ovvju li dan huwa ta' valur edukattiv għall-minuri.
xvii. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 29 stante li huwa avviż għall-ħlas u mhux prova li l-ħlas sar.
xviii. It-Tribunal **jiskarta** d-dokumenti a fol. 30 stante skulurament qawwi (in-naħa ta' fuq) u stante li m'hemmx prova li r-riċevuta n-naħa ta' isfel tindika spejjeż li saru għall-benefiċċju tal-minuri.
xix. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 31 stante li m'hemmx ammonti indikati u m'hemmx prova ta' ħlas.
xx. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 23 stante li m'hemmx ammonti indikati u lanqas prova ta' ħlas.
xxi. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 24 stante li m'hemmx prova li l-ammonti minfuqa kienu għall-benefiċċju tal-minuri.
xxii. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 25 stante li m'hemmx prova li l-ammont minfuq kien għall-benefiċċju tal-minuri.
xxiii. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 26 stante li m'hemmx prova li l-ammonti minfuqa kienu għall-benefiċċju tal-minuri.
xxiv. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 27 stante li m'hemmx prova li ntefaq xi ammont.
xxv. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 28 stante li m'hemmx prova li l-ammont minfuq kien għall-benefiċċju tal-minuri.

xxvi. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 29 stante li m'hemmx prova li saru ħlasijiet.
xxvii. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 31 stante li m'hemmx prova li l-ammont minfuq kien għall-benefiċċju tal-minuri.
xxviii. It-Tribunal **jiskarta** r-riċevuta li tinsab in-naħa ta' fuq a fol. 33 stante li m'hemmx prova li l-ammont minfuq kien għall-benefiċċju tal-minuri filwaqt li **jikkunsidra** l-ammont relattivament għad-drama stante li għalkemm estrakurrikulari, huwa evidentement għall-benefiċċju tal-minuri.
xxix. It-Tribunal **jikkunsidra** r-riċevuti a fol. 34 stante li huwa evidenti li saru ħlasijiet għall-benefiċċju tal-minuri.
xxx. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 35 stante li huwa avviż għall-ħlas u mhux prova li l-ħlas sar.
xxxi. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 36 stante li huwa avviż għall-ħlas u mhux prova li l-ħlas sar.
xxxii. It-Tribunal **jikkunsidra** ċ-ċertifikat mediku u r-riċevuta a fol. 38 stante li għandhom l-istess data u għalhekk il-probabilità hija li l-ammont minfuq kien għall-benefiċċju tal-minuri.
xxxiii. It-Tribunal **jiskarta** l-materjal a fol. 39 stante li m'hemmx prova ta' ħlas attwali (fir-rigward tal-attività skolastika) u fir-rigward tar-riċevuti, m'hemmx prova li l-ammont minfuq kien għall-benefiċċju tal-minuri.
xxxiv. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 40 stante li m'hemmx prova li l-ammonti minfuqa kienu għall-benefiċċju tal-minuri.
xxxv. It-Tribunal **jikkunsidra** r-riċevuti a fol. 41 stante li huwa evidenti li saru ħlasijiet għall-benefiċċju tal-minuri.
xxxvi. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 42 stante li mhuwiex prova li l-ħlas sar.
xxxvii. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 43 stante li mhuwiex prova li l-ħlas sar.
xxxviii. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 44 stante li mhuwiex prova li l-ħlas sar.
xxxix. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 44 stante li m'hemmx provi li saru ħlasijiet (fir-rigward tad-dokumenti skolastiċi) filwaqt li fir-rigward tar-riċevuti, m'hemmx provi li l-ħlasijiet kienu għall-benefiċċju tal-minuri.
xl. It-Tribunal **jikkunsidra** l-ewwel parti tad-dokument a fol. 47 stante li huwa evidenti li sar ħlas għall-benefiċċju tal-minuri filwaqt li **jiskarta** t-tieni parti stante li dan mhuwiex prova ta' ħlas.
xli. It-Tribunal **jikkunsidra** r-riċevuta a fol. 50 stante li huwa evidenti li saru ħlasijiet għall-benefiċċju tal-minuri.
xlii. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 51 stante li mhuwiex prova li l-ħlas sar.
xliii. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 52 stante li mhuwiex prova li l-ħlas sar.
xliv. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 53 stante li m'hemmx prova li l-ammonti minfuqa kienu għall-benefiċċju tal-minuri.
xlv. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 54 stante li mhuwiex prova li l-ħlas sar.
xlvi. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 55 stante li mhuwiex prova li l-ħlas sar.
xlvii. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 56 stante li mhuwiex ammont relatat mal-edukazzjoni tal-minuri (fir-rigward tan-nota fin-naħa ta' fuq) u stante li huwa talba għall-ħlas u mhux prova ta' ħlas (fir-rigward tad-dokument fin-naħa ta' isfel).
xlviii. It-Tribunal **jikkunsidra** ċ-ċertifikat mediku u r-riċevuta a fol. 58 stante li għandhom l-istess data u għalhekk il-probabilità hija li l-ammont minfuq kien għall-benefiċċju tal-minuri.
xlix. It-Tribunal **jikkunsidra** ċ-ċertifikat mediku u r-riċevuta a fol. 59 stante li għandhom l-istess data u għalhekk il-probabilità hija li l-ammont minfuq kien għall-benefiċċju tal-minuri.
l. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 60 stante li m'hemmx ammonti indikati.
li. It-Tribunal **jikkunsidra** ċ-ċertifikat mediku u r-riċevuta a fol. 61 stante li għandhom dati viċin u għalhekk il-probabilità hija li l-ammont minfuq kien għall-benefiċċju tal-minuri.
lii. It-Tribunal **jiskarta** l-kopji a fol. 62 stante li m'hemmx prova ta' ħlasijiet (fir-rigward tan-naħa ta' isfel) u stante li m'hemmx prova li l-ammonti minfuqa (fir-rigward tar-riċevuti fin-naħa ta' fuq) kienu għall-benefiċċju tal-minuri.
liii. It-Tribunal **jikkunsidra** r-riċevuta fin-naħa ta' fuq a fol. 63 stante li huwa evidenti li l-ammont minfuq kien għall-benefiċċju tal-minuri filwaqt li **jiskarta** r-riċevuta fin-naħa ta' isfel tad-dokument.
liv. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 65 fin-naħa ta' fuq stante li l-ammont ma jinqarax u **jiskarta** anki dak tan-naħa ta' isfel stante li mhuwiex prova ta' ħlas.

lv. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 66 (fin-naħa ta' fuq) stante li m'hemmx prova li l-ammont minfuq kien għall-benefiċċju tal-minuri filwaqt li **jikkunsidra** d-dokument fin-naħa ta' isfel stante li huwa evidenti li l-ammont minfuq kien għall-benefiċċju tal-minuri.
lvi. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 67 stante li mhuwiex prova li l-ħlas sar.
lvii. It-Tribunal **jikkunsidra** d-dokument in-naħa ta' fuq ta' fol. 68 filwaqt li **jiskarta** r-riċevuta u n-noti fin-naħa ta' isfel.
lviii. It-Tribunal **jiskarta** d-dokument a fol. 69 stante li mhuwiex prova li l-ħlas sar.
lix. It-Tribunal **jikkunsidra** d-dokumenti a fol. 70 u 71 stante li huwa evidenti li l-ħlasijiet minfuqa kienu għall-benefiċċju tal-minuri filwaqt li ċ-ċertifikati mediċi għandhom l-istess data tar-riċevuti u għalhekk huwa ferm probabbli li l-ħlasijiet kienu reletati maċ-ċertifikati mediċi.

**It-total tal-ammonti kkunsidrati huwa ta' seba' mija u tlettax-il Ewro u sitt ċenteżmi (€713.06). Għalhekk jirriżulta li l-konvenuta għandha tħallas tlett mija u sitta u ħamsin Ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€356.53).**

It-Tribunal jilmenta li l-konvenuta ma ppreżentatx provi preċiżi dwar l-ammonti li hija ħallset. Hija lmentat li ngidmet mill-attur iżda naqset milli ġġib **provi** dwar l-ammonti mħallsin minnha, sabiex it-Tribunal ikun jista' jasal għal stampa veritiera.

Fin-nuqqas, it-Tribunal, wara li għamel il-konteġġi tiegħu mid-dokumentazzjoni ppreżentata mill-attur, ma jarax għaliex m'għandux jikkonkludi li l-konvenuta hija debitriċi tal-attur fl-ammont ta' tlett mija u sitta u ħamsin Ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€356.53).

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal, wara li qara l-atti u d-dokumenti ppreżentati u sema' lix-xhieda, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' it-talbiet tal-attur limitatament għal **tlett mija u sitta u ħamsin Ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€356.53)** u jikkundanna lill-konvenuta tħallas dan l-ammont lill-attur. M'għandux ikun hemm imgħax.

It-Tribunal jordna li fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**